MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 495/2014

Appell Nru: 495/2014

Il-Pulizja

Vs

Paul Camilleri

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Paul Camilleri, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 38265M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar it-Tlieta, 8 ta' April, 2014 ghal-habta tas-07:30hrs waqt l-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja jew prova

jikkacja xi ghasfur, jew igorr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-ghata taghha u dan bi ksur tar-Regolament 18(1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li ghandu licenzja biex izomm jew biex ikollu f'idjeh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjoni, ma zammx fil-kustodja tieghu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistghu jigu f'idejn haddiehor u dan bi ksur ta' KAP 480 art. 47(1);
3. Akkuzat ukoll talli bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kap 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja;
4. Akkuzat ukoll talli sar recediv b'sentenza moghtija lilu quddiem il-Qorti tal-Magistrati Dr. A. J. Vella LL.D. fis-seduta tal-ALE datata 29 ta' Jannar, 2014;

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Novembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 18(1)(a) tal-AL tal-2006, Art. 47(1) u 27(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati u kkundannatu multa ta' elf ewro. Ordnat il-konfiska tal-ezebiti u s-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca ghal-sentejn.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Paul Camilleri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, tirriforma s-sentenza appella ta fis-sens li tikkonfermha in kwantu is-sejbien ta' htija u tikkundanna piena inqas harxa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Paul Camilleri huma s-segwenti w cioe':-

Dan huwa appell mill-piena n'kwantu l-espoenent kien irregistra ammissjoni quddiem l-Ewwel Qorti. Illi l-esponenti jikkontendi li meta wiehd iqis li huwa ammetta fl-aktar stadju bikri tal-process mal-pulizija, ammetta quddiem il-Qorti u ftit li xejn qaghad ifettaq fuq il-fatt li l-akkuza lilu addebitata hija nulla stante li ma

tindikax il-post fejn allegatament sehh ir-reat, u xorta wahda huwa gie kkundannat elf ewro, konfiska tal-arma u sentejn skwalifika tal-licenzja verament li huwa gustifikat li l-piena erogata hija esagerata. Illi mhux gust u korrett li persuni li personalment ghandhom kontra l-attivita tal-kacca jithallew jiddeciedu dawn il-kawzi u dana peres li l-pieni erogati qed ikunu totalment barra milli jirriflettu l-verita' ta din l-attivita';

Mhux biss izda jekk wiehed ser joqghod 'ifettaq' dwar ir-raba' [4] akkuza tajjeb li jinghad li dina kienet ukol dwar kacca u terga' u tghid dwar wahda mill-akkuzi anqas onoruzi taht l-avviz legali in kwistjoni ossia z-zamma tal-'bird caller'. Illi ghalhekk cerament li s-sentenza timmerita li tigi mibdula ghal wahda aktar realistika u anqas harxa.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tmienja (8) ta' April tal-elfejn u erbatax (2014) fis-sebgha u nofs ta' filghodu (7.30 a.m.) waqt l-istagun maghluq, l-appellant gie innutat b'senter f'idu hdejn l-inhawi tas-Salini. Il-pulizija ipprocedew kontra tieghu u fil-verbal tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tal-elfejn u erbatax (2014) l-appellant ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu. Il-Qorti ghaddiet minnufih biex tikkundanna lill-appellant u immultatu elf ewro (€1,000) u issospendiet il-licenzja tal-kacca tieghu ghal sentejn.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-pieni erogati kienu totalment barra milli jirriflettu l-verità ta' din l-attività.

Ikkunsidrat:

L-appellant gie mixli bi ksur tar-regolamenti 18(1)(a) tal-Avviz Legali 79/2006 kif ukoll ksur ta' regolamenti ohra taht il-Kap 480. Il-pieni huma regolati bl-artikolu 27 tat-Taqsima II tal-Avviz Legali fuq imsemmi fejn is-sub artikolu 2(b) jippreskrivi "meta tinstab htija ghat-tieni darba jew aktar drabi multa ta' mhux anqas minn elf ewro (€1,000) izda mhux izjed minn ghaxart elef ewro (€10,000) ... il-Qorti ghandha

ukoll tordna r-revoka permanenti ta′ kull licenzja jew permess ...″. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fil-fatt marret taht il-minimu meta erogat piena ta′ elf ewro biss u ma issospendietx permanentement il-licenzja tal-appellant. Izda fuq dan il-Qorti tal-Appell ma tista′ taghmel xejn u s-sentenza ghandha tibqa′ kif inhi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------